# IR-RABA' PARTI

---

## L-EWWEL SEZZJONI — QORTI KRIMINALI

---

24 ta' Marzu, 1954

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.;
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

*Il-Maestà Tagħha r-Reġina versus Manwel Cini et.*

### Provi — Art. 409 tal-Kodiċi Kriminali

*Il-Maġistrat Istruttur ma jistax jagħti ordni lill-imputat jindirizza u jkellem lix-xhud biex dan ikun jista' jgħaraf lill-imputat minn leħnu; għax fis-sistema akkużatorju Malti l-imputat ma jistax ikun kostrett jagħmel xi ħaġa li biha tinħoloq prova kontra tiegħu u jobdi ordni biex hu jieħu parti attiva biex jagħmel xi ħaġa li biha jkun qiegħed jinkrimina ruħu.*

*Għaldaqstant mhix ammissibbli prova kontra l-imputat ottenuta b'dan il-mezz; u dan avvolja l-imputat ikun obda l-ordni tal-Maġistrat u kellem lix-xhud skond dak l-ordni biex ix-xhud jgħarfu minn leħnu. Għax dawn huma regoli li jinteressaw il-libertà taċ-ċittadin u li jissalvagwardaw in-natura tas-sistema akkużatorju Malti, u għalhekk mhux ammissibbli li l-imputat, bl-ubbidjenza tiegħu għall-ordni tal-Qorti, jista' impliċitament jirrinunzja għal dan il-prinċipju.*

Il-Qorti; — Rat in-nota ta' l-akkużat Ċensu Gialanzè, li biha eċċepixxa l-inammissibilità ta' dik il-parti tax-xhieda ta' Ġorġ Gerada fejn jingħad hekk :— "Jiena issa qiegħed nisma jistaqsini kif jien lil Ċensu Gialanzè, l-imputat. Dan

hu Ċensu ta' Haż-Żabbar li semmejt f'din ix-xhieda tiegħi, għaliex għaraftu minn leħnu". U dan peress li l-Maġistrat ma setax jordna lill-akkużat Gialanzè ikellem lix-xhud biex dan jagħraf leħnu;

Rat in-nota ta' l-Attorney General, li biha kkontesta dina l-eċċezzjoni;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed, tat-23 ta' Marzu, 1954, li bih ġie ordnat li l-kwistjoni tiġi rimessa għad-deċiżjoni ta' dina l-Qorti komposta minn tliet Imħallfin;

Semgħet id-difensur tal-akkużat Gialanzè u l-Avukat tal-Kuruna;

Ikkunsidrat;

Illi, skond id-depożizzjoni traskritta fol. 83 tal-proċess, ix-xhud Ġorġ Gerada, wara li qal li hu kien għama minn għaxnejn it-tnejn, żied jgħid li xi tliet xhur qabel huwa kien bilqgħeda ħdejn il-bieb tad-dar tiegħu x'ħin ġie ħdejh ikellmu ċertu Ċensu minn Ħaż-Żabbar, li huwa għaraf minn leħnu; u fil-kors tax-xhieda tiegħu kompla jgħid li dana Ċensu, l-għada, kien reġa' ġie sabu u qallu li fil-garage tax-xhud huwa kien ħalla tliet "coils", ossija ċimi tal-vapuri, u offrielu biex jixtrihom. Ix-xhud qallu li ma riedx jixtri ħbula, u qallu wkoll biex joħroġ dawk il-ħbula mill-aktar fis mill-garage; u fil-fatt dana Ċensu ġieblu ċ-ċavetta tal-garage it-Tnejn ta' wara u qallu li ċ-ċimi kien ħadhom. Mbgħad, fid-depożizzjoni fuq riferita hemm dawn il-kliem:— "Jiena issa qiegħed nisma jistaqsini kif jien lill-imputat Ċensu Gialanzè. Dana huwa Ċensu ta' Haż-Żabbar li semmejt f'dina x-xhieda tiegħi, għax għaraftu minn leħnu";

Mill-kontest ta' dawn il-kliem jidher ċar, għaliex ma setax raġjonevolment ikun xort'oħra, illi l-imputat Gialanzè indirizza lix-xhud Gerada l-kliem "kif int?", fuq istruzzjoni tal-Qorti Istruttorja. U del resto, il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni lanqas insistiet li dan ma kienx hekk;

Minn dak li ġie riportat fuq jidher li, sakemm ma sarx dan l-esperiment, ix-xhud Gerada kien qiegħed jirriferixxi għall-leħen ta' dak li huwa indika biss bħala "Ċensu ta' Haż-Żabbar", mentri b'dan l-esperiment, ordnat mill-Maġis-

trat Istruttur għall-finijiet probatorji, il-leħen ta' Censu ta' Ħaż-Żabbar ġie konkretat fil-leħen tal-imputat Censu Gialanzè, u għalhekk b'dan l-esperiment inħolqot prova a preġudizzju tal-imputat Censu Gialanzè li qabel ma kienx hemm;

Dina l-Qorti hi ta' fehma li l-Maġistrat Istruttur ma setax jagħti dak l-ordni lill-imputat Censu Gialanzè. Infatti, fis-sistema akkużatorju Malti, id-drittijiet ta' l-imputat huma salvagwardati b'diversi dispożizzjonijiet, fosthom dik kontenuta fit-tieni subartikolu ta' l-art. 404 tal-Kodiċi Kriminali, li fost affarijiet oħra, jgħid illi l-Qorti Istruttorja hija fid-dmir li twissi lill-imputat, qabel ma jsirulu l-mistoqsijiet preskritti għall-eżami tiegħu fl-istess artikolu, "li huwa mhux obligat jinkrimina ruħu". "Multo minus", għalhekk, tista' l-Qorti Istruttorja, fil-kors tal-kumpilazzjoni, tagħti ordni lill-imputat biex dan jagħmel xi ħaġa li biha tinħoloq prova kontra tiegħu, kif sar f'dan il-każ;

Tant hu veru dan, illi, meta l-liġi riedet b'xi mod tidderoga għal dana l-prinċipju, għamlet dispożizzjoni speċifika, kif hemm fit-tieni u t-tielet subartikolu ta' l-art. 409;

Lanqas hija aċċettabbli t-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-ordni tal-Maġistrat jista' jkun ġustifikat taħt it-tieni subartikolu ta' l-art. 409 fuq imsemmi; għaliex il-kliem ta' dak is-subartikolu evidentement jirriferixxu għall-eżami materjali ta' parti mill-ġisem ta' l-imputat, li għalhekk f'dan l-eżami l-imputat ikun passiv, u l-emanazzjoni tal-vuċi ta' l-imputat ma tistax raġjonevolment titqies kompriża fl-espressjoni "parti mill-ġisem ta' l-imputat", kif inhi fil-kontest ta' l-artikolu; oltrekkè, bl-ordni fuq imsemmi tal-Maġistrat Istruttur, l-imputat ġie mġiegħel jieħu parti attiva fil-kostituzzjoni ta' prova kontra tiegħu. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 409 (2) (3) huma ta' natura talment eċċezzjonali, li ma jikkomportawx l-ebda interpretazzjoni estensiva;

Il-fatt li l-imputat obda l-ordni tal-Maġistrat ma jbiddelx il-pożizzjoni ġuridika; għaliex dawn huma regoli ta' ordni publiku li jinteressaw il-libertà taċ-ċittadin, u li jissalvagwardaw in-natura akkużatorja tas-sistema kriminali Malti, u għalhekk mhux ammissibbli li l-imputat jista' impliċita-

ment, bl-ubbidjenza tiegħu għall-ordni tal-Qorti, jirrinunzja għall-prinċipju fuq imsemmi;

L-Avukat tal-Kuruna, fil-kors tad-dibattitu, semma bħala argument favur it-teżi tiegħu l-fatt illi ġie li l-Qorti staqsiet lix-xhud jekk jagħrafx l-imputat fl-awla, u talvolta ordnat lill-imputat biex iqum bil-wieqfa. Huwa ċar li dan ma għandu x'jaqsam xejn mal-każ in eżami; għaliex l-imputat, jew l-akkużat, bilfors għandu jkun preżenti waqt il-proċess, u l-preżenza materjali tiegħu hija ħaġa passiva, li hi ferm differenti mill-każ ta' ordni biex hu jagħmel attivament xi ħaġa li biha jkun qiegħed jinkrimina ruħu;

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiddeċidi* billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-imputat Ċensu Gialanzè, u tiddikjara inammissibbli dik il-parti tad-depożizzjoni imsemmija fin-nota ta' l-istess akkużat.